



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8629/20

DEVGEN 75
ACP 45
RELEX 423
JEUN 48

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 5 ta' Ġunju 2020

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8342/20

Suġġett: Iż-żgħażaġħ fl-azzjoni esterna
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (5 ta' Ġunju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-żgħażaġħ fl-azzjoni esterna, approvati bi proċedura bil-miktub fil-5 ta' Ġunju 2020.

Iż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna**konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. Il-Kunsill jenfasizza li ż-żgħażaġh huma atturi importanti għall-bidla u sħab essenzjali fl-implimentazzjoni tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima u jirrikonoxxi l-potenzjali u l-kapaċitajiet kreattivi u innovattivi tagħhom. L-investment fiż-żgħażaġh u l-kollaborazzjoni magħhom, kemm min-naħa tagħhom kif ukoll għalihom, huma ta' importanza kbira biex jinbnew soċjetajiet aktar b'saħħithom, aktar leġittimi, paċifiċi u demokratiċi fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt jiġu rispettati u fejn ħadd ma jiġihalla jibqa' lura. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati l-inklużjoni sinifikanti u l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażaġh fil-livelli kollha tas-soċjetà, tal-ekonomija u tal-politika.
2. Sal-2030, il-popolazzjoni dinjija taż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u l-24 sena ser tkun kibret għal kważi 1.3 biljun; li jikkorrispondi għal ftit aktar minn 15 % tal-popolazzjoni dinjija totali proġettata ta' 8.5 biljun. Bħalissa, aktar minn 60 % taż-żgħażaġh tad-dinja jgħixu fir-reġjun Asja-Paċifiku. Filwaqt li l-ammont ta' żgħażaġh f'dak ir-reġjun huwa mistenni jonqos, qed jiżdied fl-Afrika sub-Saħarjana; minn 19 % tal-popolazzjoni fl-2015, iż-żgħażaġh huma mistennija jammontaw għal 42 % fl-2030 f'dak ir-reġjun. Sal-2055, in-numru ta' żgħażaġh fl-Afrika sub-Saħarjana ser ikun żdied b'aktar mid-doppju. Huwa stmat li, fil-15-il sena li ġejjin, madwar 375 miljun zaġżuġh Afrikan ser jilhqqu l-età tax-xogħol. Il-Kunsill jenfasizza li ġenerazzjonijiet kbar ta' żgħażaġh jirrappreżentaw dividend demografiku ta' valur li għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali.

3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-ġenerazzjonijiet żgħażaġh ta' spiss iħabbtu wiċċhom ma' sfidi importanti inkluż il-faqar, l-esklużjoni soċjoekonomika u dik politika fil-livelli kollha. Il-potenzjal taż-żgħażaġh huwa kompromess minn aċċess inadegwat għal taġħlim formali u mhux formali ta' kwalità, inkluż l-edukazzjoni teknika u vokazzjonali u t-taħriġ u t-taġħlim mill-bogħod, kif ukoll aċċess insuffiċjenti u mhux ugwali għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità, inkluż servizzi tal-kura tas-saħħa mentali u tas-saħħa sesswali u riproduttiva. Il-potenzjal taż-żgħażaġh huwa mxekkel ukoll minn tqala f'età prematura, nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol deċenti, pagi baxxi, u l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, kunflitti u instabbiltà, spostament sfurzat, traffikar ta' bnedmin, ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-ispazji demokratiċi u ċiviċi li qed jonqsu. Dawn l-isfidi ta' spiss huma aggravati għal nisa żgħażaġh u bniet, kif ukoll għal żgħażaġh b'diżabilità u l-gruppi diskriminati kollha, bħal żgħażaġh LGBTI. Il-Kunsill jenfasizza li xogħol deċenti u opportunitajiet ta' intraprenditorija għaż-żgħażaġh huma kruċjali biex iż-żgħażaġh jinħarġu mill-faqar jew mill-impjieg vulnerabbli, u biex iż-żgħażaġh jingħataw inċentivi biex isegwu l-opportunitajiet lokalment.
4. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-effetti negattivi tal-miżuri eċċezzjonali relatati fuq l-ekonomija u l-impjiegi x'aktarx ikollhom impatt serju fuq iż-żgħażaġh, speċjalment żgħażaġh li ġejjin minn ambjenti żvantaġġati. Bosta pajjiżi huma kkonfrontati bl-għeluq ta' istituzzjonijiet edukattivi, mill-iskola preprimarja sal-università, u dan it-tfixkil fl-aċċess għall-edukazzjoni x'aktarx li jiggrava l-inadegwatezza tas-settijiet ta' ħiliet u d-distakk edukattiv, inkluż l-aċċess mhux ugwali għat-tagħlim mill-bogħod fost iż-żgħażaġh. Il-Kunsill huwa partikolarment imħasseb mill-impatti sekondarji tal-pandemija tal-COVID-19 fuq nisa żgħażaġh u bniet, u kif dawn ser jaffettwaw l-istatus soċjoekonomiku tagħhom fuq żmien itwal, it-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom u l-prospetti futuri tagħhom, li jkomplu jżidu d-disparità bejn il-ġeneri. Bħal fi kwalunkwe kriżi, nisa żgħażaġh u bniet, inkluż dawk b'diżabilità, huma affettwati ulterjorment min-nuqqas ta' protezzjoni mill-vjolenza sesswali, sessista u domestika, kif ukoll ir-rekrudexxenza ta' Prattiki dannużi, inkluż iż-żwieġ tat-tfal, prekoċi u sfurzat u l-mutilazzjoni ġenitali femminili.

5. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-kontribut importanti u pożittiv taż-żgħażaġh fl-isforzi għaż-żamma u l-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà. Skont ir-Riżoluzzjonijiet 2250 (2015) u 2419 (2018) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li ż-żgħażaġh ikunu involuti b'mod attiv – mingħajr ebda diskriminazzjoni – fl-isforzi biex tinbena paċi dejjiema, biex isir kontribut lejn il-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni u biex jiġi miġġieled l-estremiżmu vjolenti.
6. Il-Kunsill ifakkar ukoll li l-iżgurar ta' ambjent tajjeb għas-saħħa huwa ta' importanza kbira għall-kisba ta' bosta Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. It-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, it-tniġġis tal-arja u l-iskarsezza tal-ilma jirrappreżentaw theddid kbir għas-saħħa u l-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żgħażaġh, partikolarment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
7. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, fil-mandati u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex jaħdmu maż-żgħażaġh, permezz tagħhom u għalihom sabiex:
- isaħħu ċ-ċittadinanza globali attiva permezz tat-titjib tal-edukazzjoni fil-livell dinji, l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni għall-iżvilupp (DEAR) fost iż-żgħażaġh inkluż it-taħriġ, l-attivitajiet ta' ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba – u li jingħata appoġġ lill-involvement attiv taż-żgħażaġh b'reazzjoni għall-isfidi u l-isforzi globali biex jinbnew soċjetajiet demokratiċi, paċifiċi, inklużivi, ekwi, tolleranti, siguri u sostenibbli madwar id-dinja;
 - jappoġġaw l-inklużjoni taż-żgħażaġh, u b'mod partikolari nisa żgħażaġh u bniet, u l-parteċipazzjoni tagħhom fl-isforzi kollha biex jiġi evitat il-kunflitt, u tinbena u tiġi sostnuta l-paċi;
 - jippromwovu l-parteċipazzjoni u l-impenn sinifikanti taż-żgħażaġh kollha, mingħajr distinzjoni jew diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni, fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi, soċjali u ekonomiċi li jaffettwaw lilhom u l-futur tagħhom. Il-Kunsill iqis li huwa importanti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jintegraw b'mod effettiv il-kwistjoni taż-żgħażaġh u b'mod partikolari t-tiŝiħ tal-pożizzjoni tan-nisa żgħażaġh u l-bniet, fid-djalogu dwar politika u dak politiku ma' pajjiżi ŝhab, biex jiġu appoġġati mexxejja żgħażaġh u difensuri żgħażaġh tad-drittijiet tal-bniedem, u biex jiġu appoġġati d-djalogu u l-inizjattivi interġenerazzjonali;

- jappoġġaw l-isforzi ta' pajjiżi sħab biex jiġu indirizzati l-effetti sekondarji li l-pandemija tal-COVID-19 għandha fuq iż-żgħażaġh;
- jippromwovu aċċess ekwu għal edukazzjoni ta' kwalità inklużiva, inkluż edukazzjoni għolja, edukazzjoni u taħriġ tekniċi u vokazzjonali, taġlim mill-bogħod, u taġlim formali u mhux formali;
- iżidu l-investimenti fl-innovazzjoni fl-edukazzjoni formali u mhux formali, it-taġlim mill-bogħod, u l-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat li jkun inklużivi u ekwi għat-tisħiħ tal-impjegabbiltà għaż-żgħażaġh kollha, jinkoraġġixxu aċċess miftuħ, liberu u sigur għat-teknoloġiji diġitali, is-servizzi u l-konnettività u jtejb u l-kompetenzi diġitali u l-litteriżmu taż-żgħażaġh fil-pajjiżi sħab, bil-ħsieb, fost l-oħrajn, li jingħalaq id-distakk diġitali fil-pajjiżi, u bejniethom;
- isaħħu l-iskambji bejn iż-żgħażaġh fl-UE u fil-pajjiżi sħab, inkluż skambji ta' Prattiki tajba u l-iżvilupp ta' programmi eżistenti, bħal ERASMUS+, Ewropa Kreattiva u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;
- itejbu l-ħolqien ta' impjiegi deċenti u opportunitajiet ta' intraprenditorija għaż-żgħażaġh kollha, inkluż daww b'inqas opportunitajiet, filwaqt li jiġi nnutat ir-rwol fundamentali tas-settur privat u ta' ambjenti ta' investiment u ta' negozju mtejba, b'attenzjoni partikolari għan-nuqqas ta' ħiliet taż-żgħażaġh fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u fl-Afrika sub-Saħarjana;
- isaħħu t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha, inkluż id-drittijiet soċjali u tax-xogħol għaż-żgħażaġh, inkluż billi jiġu promossi pagi li jggarantixxu l-għajxien għaż-żgħażaġh u sistemi tal-kura tas-saħħa favur iż-żgħażaġh, u billi jiġu appoġġati l-isforzi biex jinqered it-tħaddim tat-tfal u l-forom kollha ta' sfruttament u abbuż, inkluż it-traffikar ta' bnedmin;

- jippromwovu t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bniet u n-nisa żgħażaġh u l-opportunitajiet indaqs, b'mod partikolari billi jiġu appoġġati l-isforzi li jikkontribwixxu għal: il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni taż-żwieġ tat-tfal, prekoċi u sfurzat u l-prevenzjoni tat-tqala f'età prematura, l-abolizzjoni ta' regolamenti u prattiki diskriminatorji, kif ukoll il-forom kollha ta' vjolenza sesswali u sessista. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' revizzjoni tagħhom u, f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata favur is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR). B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u bi prezz raġonevoli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż l-edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi għall-kura tas-saħħa;
- jippromwovu l-aċċess taż-żgħażaġh għal dieti aktar sani, aktar nutrittivi u aktar varjati kif ukoll aċċess għal impjiegi deċenti, remunerazzjoni ġusta, proprjetà, mikrokreditu u finanzjament għall-intraprenditorija, b'attenzjoni partikolari għal nisa żgħażaġh u bniet;
- jikkontribwixxu lejn l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza kontra nisa żgħażaġh u bniet, sterjotipi tal-ġeneru u normi soċjali negattivi, b'mod partikolari billi jiġu mħeġġa jimpenjaw ruħhom b'mod sħiħ, bħala aġenti u benefiċjarji tal-bidla;
- jindirizzaw il-ħtiġijiet u d-drittijiet speċifiċi skont il-ġeneru u l-età tat-tfal u taż-żgħażaġh, inkluż dawk bi bżonnijiet speċjali u b'diżabilità, f'kuntesti fraġli, sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' kunflitt, emerġenzi umanitarji, u b'rabta mal-migrazzjoni u l-mobbiltà, b'attenzjoni speċjali għall-protezzjoni, l-aċċess ekwu għas-saħħa u għal edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità, l-aċċess għal ikel nutrittiv u varjat, kif ukoll għar-riabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid ta' tfal li qabel kienu assoċjati ma' gruppi u forzi armati. jenħtieġ li tiġi indirizzata wkoll il-ħsara potenzjali li sitwazzjonijiet ta' kunflitt, fraġilità u kriżi jista' jkollhom fuq il-kundizzjoni fiżika, mentali u psikosoċjali taż-żgħażaġh;

- jippromwovu l-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji klimatiċi.
8. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq u tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex ifasslu, fejn adatt, approċċ koerenti u komprensiv lejn iż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna, li jfittex komplementarjetà akbar fost il-politiki, il-programmi u l-istrumenti rilevanti kollha, u li jiżgura li ż-żgħażaġh ikunu involuti b'mod sinifikanti fit-tfassil tal-politiki u l-azzjonijiet tal-UE.
9. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli u mal-Istati Membri, biex tfassal pjan ta' azzjoni u tiżviluppa settijiet ta' għodod adegwati biex jiġi żgurat li l-azzjoni esterna tal-UE tikkontribwixxi għall-impenn globali sinifikanti taż-żgħażaġh fil-livelli kollha fir-reġjuni kollha.
-